MALTA

# TRIBUNAL TAL-APPELL GHALL-KOMPETIZZJONI U GHALL-KONSUMATUR

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 1/2011

**Ufficju ghall-Kompetizzjoni**

**vs**

**Korporazzjoni Enemalta**
**wara l-ilment ta' Attard Services Limited u**
**Shell Aviation Limited**

**It-Tribunal,**

Provvediment tat-Tribunal tal-Appelli ghall-Kompetizzjoni u ghall-Konsumatur:

Rat il-verbal taghha tal-21 ta' Marzu 2012;

Rat ir-rikors tal-Korporazzjoni Enemalta li bih talab li s-socjeta lanjanti Attard Services Limited tigi dikjarata li ma jkollhiex locus standi f'dawn il-proceduri, u ma jigix permess li tkun prezenti waqt is-smigh tal-proceduri jew

tipprezenta provi, jew li jkollha access ghal informazzjoni kunfidenzjali rigwardanti l-korporazzjoni b'mod partikulari r-rapport imhejji mill-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta aktar il-quddiem imsejjah l-Ufficju ghall-Kompetizzjoni. B'mod sussidjarju ta' l-Kummissjoni ma tippermettix li jigu prezentati provi godda jew argumenti ohra in sostenn tar-rapport tal-Ufficju, mill-istess Ufficju oltre dak li hemm fir-rapport;

Rat ir-risposta tad-Direttur General tal-Ufficju ghall-Kompetizzjoni;

Rat li l-kwistjoni mqajma fil-verbal tal-21 ta' Marzu 2012, kif segwita bir-rikors u risposta odjerna thalliet ghal provvediment ghas-27 ta' Gunju 2012.

**Ikkunsidrat**

Dan il-provvediment ser jigi limitat ghal dak mitlub cioe r-rwol tal-lanjant fi proceduri quddiem it-Tribunal tal-Appelli gia maghruf bhala Kummissjoni ghall-Kummerc Gust.

**Ligi applikabbli**

Qabel xejn pero jigi rilevat illi l-Att dwar l-Awtorita ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur Kap. 510, gie fis-sehh f'Mejju 2011.

l-artikolu 70(1) ta' dan l-Att jipprovdi illi:
Id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Kompetizzjoni u tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur li kienu jeżistu qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandhom ikomplu japplikaw, kif ikun il-każ, għal kull:
(a) investigazzjoni pendenti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att quddiem id-Direttur tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta u d-Direttur tal-Affarijiet tal-Konsumatur, it-tnejn kif sostitwiti mid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) u d-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) b'dan l-Att;
(b) proċedura pendenti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att quddiem il-Kummissjoni għall-Kompetizzjoni Ġusta u l-Bord tal-Appell għall-Affarijiet tal-

Konsumatur, it-tnejn kif sostitwiti mit-Tribunal tal-Appell, it-Tribunal għal Talbiet ta' Konsumaturi u l-qrati; u
(ċ) deċiżjoni u sentenza li ma jkunux res judicata fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.

Hu pacifiku illi l-proceduri pendenti quddiem dan it-Tribunal imbdew qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-Att u kwindi l-proceduri odjerni ghandhom ikunu regolati mad-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Kompetizzjoni kif kienu jezistu qabel id-dhul fis-sehh tal-Att, u ghalhekk kull referenza li ser issir minn dan it-Tribunal ser jirrerferi ghal ligi kif kienet qabel l-emendi.

Jigi rilevat ukoll ghal kompletezza illi l-artikolu 70(3)(a) tal-Kap. 510 li jaghmel referenza ghall-artikolu 70(1)(b) jipprovdi:
Għall-finijiet tas-subartikolu (1)(b) it-Tribunal tal-Appell għandu jkun vestit bis-setgħat:
(a) tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust kif provdut fl-Att dwar il-Kompetizzjoni qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att;

Il-Kapitolu 379 jaghti lill-Ufficju ghall-Kompetizzjoni mmexxi mid-Direttur il-funzjonijiet u dmirijiet assenjati lilu f'dan l-Att relatati ma' investigazzjoni, determinazzjoni u sopprasessjoni ta' prattici restrittivi u jezercita s-setghat lilu konferiti mill-istess Att u li jistghu jigu assenjati lilu mill-Ministru (art. 3). Fil-qadi ta' dawn il-funzjonijiet l-Ufficju ghall-Kompetizzjoni jista' jaghmel investigazzjoni ex officio jew fuq talba tal-Ministru jew terzi li jaghmlu lmenti dwar allegazzjoni ragonevoli ta' ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Att jew wara talba minn awtorita nazzjonali tal-kompetizzjoni ta' Stat Membru iehor, jew mill-Kummissjoni Ewropeja nnifisha (art. 12).

Hu indubitat li l-Ufficju ghall-Kompetizzjoni hu organu mwaqqaf mill-Gvern u essenzjalment l-iskop tal-Ufficju ghall-Kompetizzjoni hu l-applikazzjoni oggettiva w indiskriminata tar-regoli tal-kompetizzjoni fl-interess pubbliku kemm jekk jirrigwarda individwu, assocjazzjoni jew intraprisa fit-termini tal-ligi.

Il-ligi taghti s-setgha lill-Ufficju ghall-Kompetizzjoni li tinvestiga ex officio, jew fuq rikjesta tal-Ministru, jew ilment imressaq minn terzi kull allegat abbuz jew vjolazzjoni tal-ligi. L-istess Ufficju ghandu poteri mifruxa biex jezercita din il-funzjoni u hu munit ukoll b'poteri ezekuttivi ta' tfittxija u darba mitmum l-inkarigu, bir-rapport tieghu, ghandu dritt jezercita sanzjonijiet premessi mill-ligi f'kazijiet li l-istess ligi tqis bhala mhux ksur serju konsistenti f''cease and desist jew compliance order' (ara artikolu 12A(1) u 13(1) tal-Kap. 379. Huwa awtorita amministrattiva b'poteri kwazi gudizjarji bl-effetti tal-istess poteri. Bla dubju ta' xejn hu biss l-Ufficju ghall-Kompetizzjoni li ghandu dritt imexxi u jikkonkludi investigazzjoni dwar il-kompetizzjoni, liema investigazzjoni hi ta' indolu pubbliku fis-sens li ssir fl-interess pubbliku u f'certi istanzi dak Kommunitarju. Il-Qorti tirreleva li hemm istanzi previsti mill-ligi fejn avolja l-Ufficju hu munit bil-poter u obbligu korrispettiv li jinvesta allegazzjoni ta' ksur, f'kazijiet ta' ksur serju jew ksur tal-artikoli 101 jew 102 tat- Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bhal ma hu dan il-kaz), hu t-Tribunal li ghandu l-poter li jaghti decizjoni fuq l-allegat ksur u l-Ufficju jaghmel biss rapport minghajr poteri ezekuttivi (ara artikolu 12A(2) u 12A(3) u artikolu 13 tal-Kap. 379). Dan hu distint mill-azzjoni privata civili li titmexxa bejn tnejn jew aktar partijiet kontra xulxin ghad-determinazzjoni u rimedji ta' ksur ta' regoli tal-kompetizzjoni.

Il-lanjant jew il-Ministru jew f'certi kazijiet Awtorita Nazzjonali dwar il-Kompetizzjoni ta' xi Stat Membru iehor jew il-Kommissjoni Ewropea li jistghu ipoggu lmenti u rikjesti skond il-ligi quddiem l-Ufficju huma biss l-istrument li bihom tista' timbeda l-investigazzjoni (sakemm din ma tkunx wahda ex officio) li twassal ghar-rapport pero fl-ahhar mill-ahhar ir-responsabilta ghal dak konkluz fir-rapport hu biss tal-Ufficju ghall-Kompetizzjoni (artikolu 12 tal-Kap. 379).

Ir-rapport tal-Ufficju ghall-Kompetizzjoni pero ma jikkostitwix res judicata ghaliex il-Kap. 379 taghti lill-lanjant, intrapriza jew assocjazzjoni milquta minn konkluzjoni avversa tal-Ufficju ghall-Kompetizzjoni, id-dritt li tressaq dik id-decizjoni jew rapport ghall-<u>istharrig</u> tat-

Tribunal tal-Appell (billi llum il-Kummissjoni ghall-Kompetizzjoni qed tissejjah Tribunal tal-Appelli (art. 13A).

F'kaz ta' sejbien ta' ksur serju, pero, kif qed jigi allegat li hu dan il-kaz, l-Ufficju hu obbligat jghaddi r-rappport tieghu lit-Tribunal ghal decizjoni, pero ma mhux l-Ufficju li jiehu decizjoni. Fil-fatt l-artikolu 12(2) u (3) tal-Kap. 379 ighidu hekk:
12(2) Fil-kors ta' kull investigazzjoni maghmula mill-Ufficcju skont is-subartikolu (1), id-Direttur generali jista' jitlob lil kull intrapriza jew ghaqda ta' intraprizi biex tipprovdih b'kull taghrif jew dokument fil-pussess taghha li d-Direttur Generali jkollu ghalfejn jahseb li jkun rilevanti ghall-kwistjoni li tkun qed tigi investigata, f'dak iz-zmien li fic-cirkostanzi tal-investigazzjoni d-Direttur Generali iqis li jkun ragonevoli:
Izda l-ebda haga f'dan is-subartikolu m'ghandha tiftiehem illi qed tawtorizza lid-Direttur Generali biex jordna l-produzzjoni ta' xi dokument jew jigi zvelat xi tag]rif li jista' jkun suggett ghad-dmir tas-sigriet professjonali.

(3) Meta jibghat talba ghall-informazzjoni lil intrapriza jew ghaqda ta' intraprizi, id-Direttur Generali ghandu jispecifika l-bazi legali u l-ghan ta' dik it-talba, jispecifika liema informazzjoni hija mitluba u jiffissa perjodu ta' zmien li fih l-informazzjoni ghandha tkun provduta u jindika l-multi amministrattivi provduti fl-artikoli 21(4), (5) u (6).

Hu pacifiku ili l-investigazzjoni u kwistjoni bdiet wara lment ta' Attard Servies Limited taht l-artikolu 12(1) tal-Kap. 379 u r-rapport sar a bazi tal-artikolu 9(1)(d) tal-Kap. 379 u 102(b) tat-Trattat dwar il-Funjonament tal-Unjoni Ewropea.

Ir-rikors ta' Enemalta jirrigwarda l-pozizzjoi f'dawn il-proceduri tal-lanjant u tal-Ufficju ghall-Kompetizzjoni.

**Pozizzjoni tal-Ufficju**

Ir-rikorrenti qed jillimita t-talba tieghu fil-konfront tal-Ufficju ghal produzzjoni ta' provi godda u argumenti ohra li ma jirrizultawx mir-rapport. Dan it-Tribunal gia kellu okkazzjoni li jissindika l-locus standi tal-Ufficju fid-digriet tal-21 ta'

Marzu 2012 fil-kaz mressaq mill-**Onorevoli Joe Mizzi kontra Korporazzjoni Enemalta et** u dan it-Tribunal a skons ta' ripettizjoni jerga' jikkonferma dak li gie deciz f'dak il-provvediment liema provvediment safejn jirrigwarda l-Ufficju hi d-decizjoni ta' dan it-Tribunal ghal din il-parti tar-rikors tal-Korporazzjoni Enemalta.

**Pozizzjoni ta' Attard Services Limited bhala l-lanjant li istiga l-investigazzjoni li waslet ghar-rapport mertu tal-pendenza quddiem din il-Kummissjoni**

Fil-proceduri quddiem it-Tribunal bhal dawk odjerni l-iskeda tal-Kapitolu 379 'Regoli ta' Procedura li ghandhom x'jaqsmu mal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust' tipprovdi zewg artikoli rilevanti.

L-artikolu 8 ighid hekk:
Il-laqghat tal-kummissjoni issiru in camera:
Izda
a) Id-direttur ghandu jkollu l-jedd li jkun prezenti waqt il-laqghat kolha;
b) L-intrapriza rilevanti u kull persuna li tkun resqet l-ilment ghandu jkollhom il-jedd li jaghmlu sottomissjonijiet dwar kull kwistjoni li tkun quddiem il-kummissjoni, kif ukoll li jipprezentaw kull dokument jew prova ohra li jistghu jkunu rilevanti ghal dik il-kwistjoni;
c) Il-Kummissjoni Ewropeja fil-kazijiet kollha li jinvolvu l-applikazzjoni tal-artikolu 81 u jew l-artikolu 82 tat-Trattat tal-Kummissjoni Ewropeja ghandu jkollha jedd taghmel sottomissjonijiet dwar kull kwistjoni li tkun quddiem il-kummissjoni, kif ukoll tipprezenta kull dokument jew prova ohra li jistghu jkunu rilevanti ghal kwistjoni.

L-artikolu 7(b) tal-iskeda imbaghad ighid hekk:

Kull intrapriza li turi li l-attivitajiet taghha jkunu milquta direttament mill-procediment quddiem il-kummissjoni u kull persuna li tallega li tkun il-vittma ta', jew li tkun avversament milquta minn, xi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att, mertu tal-procediment, inkluz konsumatur li hekk jallega jew ghaqda ta' konsumaturi registrata li tagixxi f'isem konsumaturi b'mod generali, tista' bil-miktub tigi

ammessa tintervjeni fil-procedimenti quddiem il-kummissjoni fi kwalunkwe studju taghhom.

Jibda biex jintqal kif gia gie deciz fir-rikors pendenti tal-Onorevoli Joe Mizzi vs Korporazzjoni Enemalta et illi din l-istanza hi intiza biss biex tistabilixxi l-qies tal-partecipazzjni ta' lanjant fi proceduri quddiem it-Tribunal. L-ewwel harsa u punt ta' referenza biex jigi stabbilit dan il-qies ghandu jkun lejn il-ligi taghna. L-artikolu 8(b) kuntrarjament ghall-artikolu 8(a) jaghmilha cara illi l-lanjant u l-intrapriza relevanti (cioe l-parti fil-konfront taghha tkun saret l-investigazzjoni) ghandhom il-jedd:
1. li jaghmlu kull sottomissjoni dwar kull kwistjoni li jkun hemm quddiem il-Kummissjoni;
2. jipprezentaw kull dokument jew prova ohra li jistghu jkunu relevanti ghal kwistjoni.

Dawn id-drittijiet huma elenkati kjarament u tidher prima facie li taghti l-istess poteri lill-lanjant u lill-intrapriza koncernata. Pero qari tal-artikolu 10 juri illi ghalkemm id-Direttur ghall-Kompetizzjoni, l-intrapriza relevanti u l-persuna li tkun ressqet l-ilment ghandha tigi mgharfa bid-decizjoni tal-Kummissjoni fuq il-kwistjoni li jkollha quddiemha, meta jintbaghat rapport lil persuna li tkun ressqet l-ilment, ic-Chairman tal-Kummissjoni (illum Tribunal) ghandu jizgura li ebda informazzjoni kunfidenzjali fuq l-intrapriza li dwarha jsiru l-procedimenti ma tkun imdahhla fir-rapport.

Inoltre l-artikolu 12 izid li c-Chairman (illum President) tal-Kummissjoni ghandu jizgura li ebda sigriet kummercjali ta' xi intrapriza ma ghandu jigi zvelat.

Meta thares lejn kif l-Kapitolu 379 imposta l-artikoli relevanti jidher illi filwaqt li fil-kaz tal-Ufficju ghall-Kompetizzjoni, il-ligi tishaq fuq il-prezenza tal-istess Ufficju fil-proceduri quddiem it-Tribunal u ma zzid xejn aktar, fil-kuntest tal-lanjant u l-intrapriza investigata taghti certi drittijiet minghajr distinzjoni, ghalkemm taghmel limitazzjonijiet fuq l-informazzjoni li tista' tinghata lil lanjant.

L-ewwel punt li jispikka f'dawn l-artikoli hu illi l-ligi taghti d-dritt lil lanjant u lill-intrapriza investigata fi proceduri quddiem it-Tribunal li jaghmlu sottomissjonijiet u jipprezentaw dokumenti jew provi ohra relevanti. Sa hawn ghalhekk kemm il-lanjant li ghandu interess dritt fl-ezitu tal-proceduri u l-intrapriza li ghandha l-immedjatezza li tiddefendi ruhha kontra s-sejbien ta' htija da parti tal-Ufficju ghall-Kompetizzjoni ghandhom drittijiet identici quddiem it-Tribunal. Tali drittijiet jistghu jigu avvanzati bil-prezenza taghhom fis-seduti quddiem it-Tribunal.

Pero meta l-intrapriza qed tiddefendi ruhha quddiem l-Ufficju ghandha l-jedd moghti bil-ligi li ebda informazzjoni kummercjali kunfidenzjali tal-intrapriza ma tigi svelata fir-rapport. Hu logiku ghal dan it-Tribunal illi tali dritt ma jigix mnaqqas u mxekkel bl-isvelar ta' informazzjoni kummercjali kunfidenzjali tal-intrapriza waqt il-proceduri quddiemha, jew fid-decizjoni taghha lil terzi huma min huma, bl-eccezzjoni tal-Ufficju.

Il-korollari ta' dan il-principju jinsab fl-artikolu 12 fejn it-Tribunal ghandu japplika l-istess metragg ghal sigrieti kummercjali ta' xi intrapriza li jingieb bhala prova quddiem il-Kummissjoni. Dan jinkludi ghalhekk izda mhix esklussivament ghal sigrieti kummercjali tal-intrapriza li ghamlet l-ilment.

Jekk tnehhi dawn l-eccezzjonijiet fid-drittijiet tal-partijiet li ghandhom u li jista' jkollhom interess jippartecipaw fi proceduri quddiem it-Tribunal, dan it-Tribunal ma jaqbilx mar-rikorrenti illi l-lanjant ma ghandux locus standi fi proceduri quddiem it-Tribunal. L-iskeda ghal Kapitolu 379 ma tghidx hekk anzi timplika mod iehor, u l-principju ghandu jkun li l-lanjant, armat bir-rapport mhux kundifenzjali tal-Ufficju ghandu dritt jekk irid jipproduci provi jew dokumenti relevanti ghal kwistjoni jekk iqis li ghandu tali provi, ovvjament soggett ghad-direzzjoni tat-Tribunal li ghandu d-dritt bis-setghet moghtija lilu bhal Prim Awla (ara artiklu 11 tal-iskeda) li jiddeciedi dwar l-ammissibilita tad-dokumenti jew provi. It-Tribunal iqis illi l-provi u dokumenti li qed issemmi l-ligi jridu jkunu konnessi mal-ilment originali u mhux provi jew dokumenti godda li

jistghu jergghu jifthu mill-gdid il-vertenza fejn allura ikun jinnecessita investigazzjoni gdida bid-drittijiet u salvagwardji li taghti l-ligi lil partijiet kollha.

Il-lanjant ukoll ghandu d-dritt jaghmel sottomissjonijiet fuq il-kwistjoni jekk jixtieq jew mitlub mit-Tribunal.

L-eccezzjoni li jaghmel it-Tribunal ghal lanjant hu l-prezenza tieghu fil-proceduri meta qed jittellghu provi jew isiru sottomissjonijiet orali jew bil-miktub mill-Ufficju jew l-intrapriz investigata li huma ta' natura kunfidenzjali jew ghax jirrigwardaw sigrieti kummercjali tal-intrapriza investigata jew terzi. F'dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal jista' u ghandu jordna li l-lanjant ma jippartecipax waqt il-gbir ta' tali provi, u kwindi ma jkollu ebda access ghalihom fl-ebda stadju anqas wara d-decizjoni tat-Tribunal. Ghalkemm din tista' xxekkel lil lanjant pero t-Tribunal iqis li hu importanti li dejjem jigi salvagwardat li l-proceduri ma jintuzax b'mod abbusiv minn ebda parti li jista' jkollha interess fl-ezitu tal-proceduri u inoltre jigi precizat illi l-Ufficju dejjem ghandu access ghal din l-informazzjoni jew sigriet kummercjali biex isostni l-pozizzjoni tieghu qua awtorita li l-mira primarja taghha hi l-kompetizzjoni gusta li ma tigix bl-ebda mod abuzata minn hadd.

Tqum il-kwistjoni dwar x'jikkostitwixxi prova jew dokument ta' natura sigrieta jew kundifenzjali u dan ghandu jkun diffikulta li tigi deciza minn kaz ghal kaz tenut kont tal-bilanc li ghandu jinzamm lejn id-drittijiet tal-intrapriza investigata u tal-lanjant jew terzi dwar il-konsegwenzi legali jew ekonomici jekk tigi svelata informazzjoni kunfidenzjali u l-effett li jista' jkollu fuq l-ispirtu tal-ligi tal-kompetizzjoni gusta.

Jigi enfasizzat illi l-parametri tal-istharrig tat-Tribunal hu limitat mir-rapport tal-Ufficju u t-Tribunal ghandha d-dmir li jillimita l-provi kollha ghal konferma jew revoka jew tibdil tar-rapport tal-Ufficju dwar dak misjub minnu u xejn izjed u f'dan is-sens ghandu jinqara d-dritt ta' partecipazzjoni attiva tal-partijiet interessati f'dawn il-proceduri, inkluz il-lanjant.

Saret referenza ampja mir-rikorrenti u l-Ufficju ghall-EU Regulation 773/2004 li hi dwar ‘conduct of proceedings by the Commission pursuant to articles 81 and 82 of the EC Treaty’ illum 101 u 102 tat-TFEU.

Hu minnu illi l-artikolu 13 tal-Iskeda tal-Kap. 379 liema skeda wkoll titratta r-regoli ta’ procedura quddiem it-Tribunal ghall-Kummerc Gust, jaghti lill-istess Kummissjoni l-fakolta li tirrikorri fuq kwistjonijiet ta’ interpretazzjoni fost affrijiet ohra ghal decizjonijiet u dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea kif ukoll avvizi interpretattivi fuq id-dispozizzjonijiet relevanti tat-Trattat u legislazzjoni sussidjarja relattiva ghal kompetizzjoni.

Pero hu minnu wkoll illi dan ir-rikors ghal fonti ohra ghandu jsir meta l-ligi taghna jew hi siekta jew hi nieqsa minn kjarezza dwar il-portata tad-dispozizzjonijiet taghha rigward il-materja sub iudice jew hi in kontradizzjoni ghal dak li jistipula regolament Ewropew li jipprevali f’dak il-kaz fuq il-ligi Maltija.

F’dan il-kaz dan it-Tribunal iqis illi l-ligi taghna titfa’ bizzejjed dawl dwar dak li ried il-legislatur dwar ir-rwol tal-lanjant fi proceduri quddiem il-Kummissjoni u mhux kontradittorju ghal regolament 773/2004.

Del resto l-EC Regulation 773/2004 titkellem dwar regoli ta’ procedura quddiem il-Kummissjoni Ewropea, proceduri analogi, mhux kif donnu jalludi r-rikorrenti ghal dawk quddiem dan it-Tribunal qua Kummissjoni ghall-Kummerc Gust izda kif gustament jirreferi ghalihom l-Ufficju ghall-Kompetizzjoni fin-nota tieghu bhala analogi ghal proceduri quddiem l-Ufficju ghall-Kompetizzjoni. Maghdud dan ma hemm xejn hazin li dan it-Tribunal jiehu ispirazzjoni mir-regoli tal-Unjoni Ewropea bhala gwida generali pero ma jistax, kif qed jissottometti r-rikorrenti, jiehu dawn ir-regoli bhala dawk applikabbli de iure f’dan il-kaz, kemm ghaliex ir-regoli Ewropej huma indirizzati lejn il-proceduri quddiem il-Kummissjoni Ewropea paragunabbli ghal Ufficju ghall-Kompetizzjoni u kemm ghaliex kif gia spejgat aktar il-fuq, il-ligi tghna taghti parametri dwar l-involviment tal-partijiet fi proceduri quddiem il-Kummissjoni tal-Kummerc Gust u

kien biss fin-nuqqas ta' regoli lokali li t-Tribunal ghandu jifferferi ghal regoli Ewropej bhala fonti ta' interpreteazzjoni.

Ghall-kompletezza pero, harsa lejn l-artikoli relevanti tal-EC Regulation 773/2004 tista' tghin biex jimtela xi lacuna fejn tinqala' xi kwistjoni mhix mahsuba mill-ligi nostrana.

Ir-regolament jaghti drittijiet lil partijiet koncernati quddiem il-Kummissjoni Ewropea wara li jkun sar rapport ta' sejbien ta' htija liema drittijiet in sintesi huma dawn:

1. L-intrapriza investigata u persuni ohra interessati ghandhom jinghataw l-opportunita li jinstemghu viva voce u jressqu l-argumenti u sottomissjonjiet taghhom (artikoli 12 u 13).
2. Is-smigh isir in camera u b'rispett lejn il-protezzjoni ta' sigrieti kummercjali, il-partijiet jistghu jinstemghu flimkien jew separatament. Inkluz f'dan id-dritt ta' smigh, il-Kummisjoni tista' tippermetti li jsiru domandi minn kull parti. L-informazzjoni migbura tista' tinghata lil partijiet li jattendu ghas-smigh dejjem bil-caveat li ghandu jittiehed kont tal-protezzjoni ta' sigrieti kummercjali u informazzjoni kunfidenzjali (artikolu 10).
3. L-access ghal file tal-Kummissjoni hu intiz biss ghall-intrapriza li kontra taghha saret l-investigazzjoni u l-istess japplika ghar-rapport pero fil-kaz tar-rapport l-access ma ghandux jinkludi sigrieti kummercjali jew informazzjoni kunfidenzjali jew dokumenti interni tal-Kummissjoni (artikolu 15).

Dan it-Tribunal accenna ghal dawn id-drittijiet mhux ghax ghandhom jipprevalu fuq dak li tghid il-ligi Maltija izda biex jikkumplimentawha fejn hemm jew jista' jkun hemm xi lacuna fil-ligi Maltija bhala fonti ta' interpretazzjoni ghall-kondotta tal-proceduri quddiem it-Tribunal. Pero jinghad li dawn ir-regoli ma humiex differenti minn dak li jipprovdi l-legislatur Malti.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijeit ghalhekk it-Tribunal qed jiddisponi mir-rikors tal-Korporazzjoni Enemalta kif gej billi

i. Tichad l-ewwel talba tar-rikorrenti in kwantu dan it-Tribunal isib li l-lanjanti fi proceduri quddiem it-Tribunal ghandu locus standi fil-parametri decizi f'dan id-digriet u limitatament kif deciz;

ii. Tichad in parti t-tieni talba tar-rikorrenti in kwantu t-Tribunal qed jaghti d-dritt lil lanjant jattendi ghas-smigh quddiem it-Tribunal sakemm dan it-Tribunal ma jqis li jkun ser jigi revelat xi informazzjoni kunfidenzjali jew sigriet kummercjali tal-intrapriza investigata li jinnecessita l-eskluzjoni ta' kull persuna ohra mis-smigh hlief ghall-Ufficju ghall-Kompetizzjoni u l-intrapriza investigata; tilqa' in parti t-tieni talba tar-rikorrenti billi ma tippermettix lill-lanjant iressaq provi godda ohra oltre dak li jkun issuplixxa lill-Ufficju ghall-Kompetizzjoni billi dawn semmai jistghu jkunu mertu ta' investigazzjoni gdida u fejn il-partijiet ikollhom id-drittijiet u salvagwarji li trid il-ligi salv li l-istess lanjant jista jamplifika jew jispjega jew jiccara bi provi jew dokumentazzjoni relevanti dak li jkun gia ressaq quddiem il-Kummisjoni;

iii. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti limitatament fejn il-lanjant ma ghandux jinghata dritt li jkun prezenti waqt is-smigh ta' xhieda li titratta r-rapport mertu tal-kaz meta tali xhieda jkunu ser jixhdu dwar informazzjoni kunfidenzjali jew sigrieti kummercjali relatati mar-rapport tal-Ufficju ghall-Kompetizzjoni;

iv. Tilqa' r-raba talba tar-rikorrenti in konformita ma' dak gia deciz mit-Tribunal fid-digriet taghha tal-21 ta' Marzu 2012 fl-istharrig fl-ismijiet Onorevoli Joe Mizzi vs Korporazzjoni Enemalta et.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------